# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru: 12**

**Rikors numru: 105/2011/2**

**Fl-atti tal-kawża bin-numru 105/2011 TA**

**u wara l-mandat ta' sekwestru bin-numru 67/2023 fl-ismijiet:**

**L & M Camilleri Limited**

**v.**

**Panor Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet dwar rikors imressaq minn Panor Limited fl-14 ta' Frar, 2025 fejn talbet lil din il-Qorti: (i) tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-

numru 67/2023 AF fuq is-saħħa tas-**subinċiżi (1)(b)**, **(d)** u **(f)** tal-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) tikkundanna lil L&M Camilleri Limited sabiex tħallasha l-penali skont l-**Artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (iii) biex fin-nuqqas li tħassar il-mandat, tordna lil L&M Camilleri Limited sabiex tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali skont l-**Artikolu 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

2. Billi t-tweġiba ta' L&M Camilleri Limited għal dan ir-rikors tressqet permezz ta' nota fl-4 ta' Marzu, 2025, u għalhekk f'ġurnata qrib ferm id-data li fiha kienet sejra tingħata s-sentenza dwar l-appell imressaq minn L&M Camilleri Limited fil-kawża fl-ismijiet ***L&M Camilleri Limited v. Panor Limited*** (Appell Numru: 105/2011/1 TA), li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni huwa marbut magħha, din il-Qorti tat digriet fis-26 ta' Marzu, 2025 fejn avżat lill-avukati tal-partijiet li jkun aktar xieraq li tistenna l-eżitu ta' dik is-sentenza qabel tiddeċiedi dan ir-rikors.

3. Kemm hu hekk, bis-sentenza li ngħatat illum stess fl-istess ismijiet, din il-Qorti ċaħdet l-appell ta' L&M Camilleri Limited, li permezz tiegħu hija talbet it-tħassir tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn kienu ġew miċħuda l-aħħar tliet talbiet tagħha sabiex hija titħallas id-danni mingħand Panor Limited. Jiġi allura, li ladarba L&M Camilleri Limited ma ngħatatx raġun f'dawn it-talbiet tagħha b'sentenza finali

mogħtija minn din il-Qorti, issa mhuwiex aktar raġonevoli jew ġustifikat li dan il-mandat jinżamm fis-seħħ, u għalhekk din il-Qorti sejra tħassru fuq is-saħħa tas-**subinċiżi (1)(b)**, **(d)** u **(f)** tal-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

4. Billi mandakollu, l-appell ta' L&M Camilleri Limited ġie miċħud għal raġunijiet ta' xejra proċedurali, din il-Qorti ma tinsabx f'qagħda li tista' tgħid li l-mandat ta' sekwestru ntalab b'malizzja jew li kien fieragħ jew vessatorju. Fuq kollox, Panor Limited ma appellatx mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din ċaħditilha t-talbiet tagħha biex L&M Camilleri Limited tħallasha għad-danni li qalet li ġarrbet b'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru li nħareġ kontra tagħha fuq talba ta' L&M Camilleri Limited. Ġaladarba Panor Limited għażlet li toqgħod għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ċaħditilha dawn it-talbiet minħabba li ma ppruvatx id-danni li ġarrbet, hija żgur ma tistax tilmenta li L&M Camilleri Limited talbet il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru sempliċement biex iddejjaqha jew biex tagħmlilha l-ħsara. Għalhekk, it-talba ta' Panor Limited biex titħallas il-penali qiegħda tiġi miċħuda.

5. Hekk ukoll, billi din il-Qorti mhijiex sejra tordna l-ħlas ta' penali, it-talba ta' Panor Limited biex L&M Camilleri tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali, qiegħda tiġi miċħuda wkoll.

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda: (i) tilqa' l-ewwel talba ta' Panor Limited billi tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 67/2023 AF skont is-subinċiżi (1)(b), (d) u (f) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; iżda (ii) tiċħad it-talbiet l-oħra ta' Panor Limited biex L&M Camilleri Limited tiġi kkundannata tħallasha l-penali skont l-Artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u biex tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali skont l-Artikolu 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura jitħallsu kollha minn L&M Camilleri Limited.**

**Digriet mogħti llum, nhar it-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur

jb